



Dokument ta' sessjoni

B8-1097/2015

20.10.2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar ir-reviżjoni tas-sistema tal-kwoti għas-sajd tat-tonn

Nicola Caputo, Renata Briano, Ricardo Serrão Santos

Mozzjoni ta' rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-reviżjoni tas-sistema tal-kwoti għas-sajd tat-tonn

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi din is-sena kien hemm żieda ta' 20% fil-kwota komplessiva tas-sajd tat-tonn dovuta għall-rikostituzzjoni progressiva tal-istokk, hekk kif ġie ċċertifikat mill-ICCAT;
- B. billi ż-żieda ta' 20% ma rrigwardatx is-sajjieda ż-żgħar, imma biss xi flotot li, filwaqt li eżawrew f'qasir żmien il-kwoti, imbuttaw lit-tonn f'positjiet imħejjijin għas-simna tagħhom, biex b'hekk ikunu ggarantiti kadanni għoljin ħafna;
- C. billi jeħtieġ li jkun liberat il-mekkaniżmu tal-kwoti tas-sajd tat-tonn mill-monopolju tal-impriżi l-kbar, filwaqt li jkunu f'favoriti sistemi ta' sajd aktar sostenibbli għall-benefiċċju tas-sajd żgħar u ta' daqs medju;
- D. billi sajjied artiġjanali jekk jistad każwalment għat-tonn ikun ikkastigat b'sanzjonijiet goffi ħafna;
 - 1. iqis li, waqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jkun limitat in-numru ta' min jista' jistad it-tonn, mhux ċar għal liema raġuni d-diversifikazzjoni tal-kwoti għal kull bastiment saret biss fuq il-bażi tal-kwantitajiet differenti maqbudin fl-2000 u lanqas kif tali kwota tista' tkun dikjrata beni privat ta' xi sajjieda b'dannu ta' tant operaturi oħrajn u tal-kollektività kollha kemm hi;
 - 2. jitlob lill-Kummissjoni tissolleċita lill-Istati Membri jirrevedu s-sistema attwali tal-kwota li tippenalizza lis-sajjieda ż-żgħar.